

Brussell, 20 ta' April 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0100 (NLE)

8189/18
ADD 1

AELE 19
EEE 14
N 15
ISL 16
FL 15
MAP 6
MI 278
COMPET 236
IND 101
CSDP/PSDC 189
POLARM 2
CFSP/PESC 354

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 205 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE (Azzjoni preparatorja tal-Unjoni dwar ir-riċerka dwar id-difiża)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 205 final - ANNEX I.

Mehmuż: COM(2018) 205 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.4.2018
COM(2018) 205 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE**

(Azzjoni preparatorja tal-Unjoni dwar ir-riċerka dwar id-difiża)

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE ġiet estiża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 208/2017, biex tinkludi l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-azzjoni preparatorja tal-Unjoni dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża li hija ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- (2) L-Istati tal-EFTA għandhom ikompli jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Unjoni relatati mal-linja baġitarja 02 04 77 03 (Azzjoni preparatorja dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża), imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkompli għaddejja mill-1 ta' Jannar 2018.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafu 13(a) tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, il-kliem "is-sena finanzjarja 2017" huwa sostitwit bil-kliem "is-snin finanzjarji 2017 u 2018".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[\[...\]](#)

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[\[...\]](#)